## *Il-Gozo Action Group Foundation qiegħda toħroġ is-sejħa għall-Miżura 2 – GAG 2 - 'Gastronomija Għawdxija Tassew Olistika'* taħt il-programm LEADER 2014-2020

Il-Fondazzjoni *Gozo Action Group Foundation* (GAGF) tħabbar li ħarġet is-sejħa għall-proposti, għall-miżura 2 taħt il-programm LEADER 2014 - 2020. Din l-Azzjoni tifforma parti mill-istrateġija għall-iżvilupp Lokali ta'Għawdex u Kemmuna.

Din il-miżura tipprovdi għall-ħolqien ta' proġetti li jinvolvu l-agrikoltura Għawdxija u l-prodotti tal-l-ikel u/jew li jiġi ikkonsmat f'Għawdex b'mod li jsostni l-apprezzament u l-evoluzzjoni tat-tradizzjoni kulinarja Għawdxija, u jiġġenera valur ekonomiku aħjar fl-agrikoltura Għawdxija u l-produzzjoni tal-ikel, u li jibbenefika is-saħħa tal-konsumaturi. Għal din is-sejħa, ġew allokati total ta' **€445,770 ta' fondi pubbliċi.**

L-applikanti għandhom jinkludu sħubija bejn operaturi fl-agrikoltura, agro-produtturi u/jew *catering*, u/jew korpi rappreżentattivi tagħhom. Ikun mixtieq ukoll parteċipazzjoni min *NGO*s (prinċipalment relatati ma' arti/riċerka kulinari, turiżmu, interess tal-konsumaturi, agrikoltura sostenibbli, eċċ.), Kunsilli Lokali u istituzzjonijiet edukattivi / ta' riċerka b'interess dirett fit-tradizzjonijiet kulinari Għawdxin.

Minħabba s-sospensjoni ta' avvenimenti organizzati minħabba l-marda infettiva COVID-19, sessjoni ta' informazzjoni se tittella' fuq il-websajt u fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-*Gozo Action Group Foundation* il-Hamis, 4 ta' Ġunju, 2020.

Din is-sejħa tiftaħ nhar t-Tnejn, 8 ta' Ġunju, 2020. L-ewwel sett ta' applikazzjonijiet jintlaqa' sal-Ħamis, 2 ta' Lulju, 2020 f'nofsinhar. Kull kjarifika mill-applikanti għall-ewwel sett ta' applikazzjonijiet, għanda tasal għand il-GAGF sa mhux iktar tard mil-Ħamis, 25 ta' Ġunju, 2020.

Soġġett għad-disponibbilità tal-fondi, skadenza oħra ta' blokk se tiftaħ għal 4 ġimghat. L-aħħar skadenza hija tat-30 ta' Lulju, 2020, f'nofsinhar dejjem soġġetta għad-disponibblita ta' fondi. L-iskadenzi għal dawn il-blokki se jiġu aġġornata fuq il-websajt www.leadergozo.eu.

Il-*Gozo Action Group Foundation* se toħroġ aġġornamenti regolari dwar kif l-applikazzjonijiet se jintlaqgħu minħabba l-marda tal-infezzjoni COVID-19. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb billi ċċempel fuq 2155 0322 jew b'email info@leadergozo.eu. Applikazzjoni u linji ta' gwida jistgħu jitniżżlu minn: www.leadergozo.eu.

**Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi tard ma jiġux aċċettati.**

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014–2020**

LEADER
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
Rata ta' Ko-finanzjament:
75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta

**Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**
***L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali***